MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 561/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Alberta Amato**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alberta Amato** ta' 20 sena, bint Albert u Doreen *nee'* Spiteri, mwielda Pieta', fit-22 t' Awissu, 1985, residenti 104, 'Rye', Triq Carlo Manche', Gzira, u detentrici tal-karta tal-identita' numru 434985M;

Talli fil-5 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tal-11:00am minn gewwa Triq Carlo Manche', Gzira;

Talli nhar il-5 ta' Gunju, 2006, gewwa l-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' kif ukoll f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin biex tikseb vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni falza, jew tajt taghrif falz, billi wahhilt licenzja ffalsifikata fuq mutur GBE 898, billi wahhiltlu numru ta' registrazzjoni JAG 312;

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor iffalsifikat billi uzajt licenzja iffalsifikata;

Talli kkommettejt serq ta' mutur bla numru tal-ghamla Piaggio(GBE 898) ghad-dannu ta' Andrew Formosa mill-Gzira bil-hsieb li taghmel uzu minn dan il-mutur u tirritornah lura;

Talli fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' bil-hsieb li taghmel uzu temporanju tal-mutur Piaggio soqt l-istess mutur minghajr ma kellek il-kunsens tas-sid tieghu jew awtorita legittima ohra;

Talli fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' soqt mutur Piaggio b'manjiera traskurata u perikoluza;

Talli fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan kurrenti mahruga mill-awtorita' kompetenti u kif ukoll soqt l-istess mutur minghajr ma kellek licenzja kurrenti sabiex tintuza fit-toroq;

Talli fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' soqt il-mutur minghajr ma kont kopert b'polz t'assikurazzjoni ghall-riskjin tat-terzi persuni;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta mal-imputata bhala li saert recidiva b'diversi sentenzi li sau definitivi mil-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta mal-imputata bhala li kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Onorabbli Qorti u dan wara li kkommettiet reat fil-perjodu tal-operat tas-sentenzi sospizi;

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra taghha ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2007 limitatament ghat-tielet (3), ir-raba (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi 3, 4, 5 u 6 jirrizultaw pruvati, din il-Qorti qed taghmel konsiderazzjoniet biss dwar l-ewwel (1), it-tieni (2) u s-seba (7) akkuza. Milli provi jirrizulta illi l-imputata kienet qed issuq mutur bil-pjanci tar-registrazzjoni mhux skond il-ligi stante li dawn kienu tal-kartun, apparti l-fatt illi r-numru kien jappartjeni lill-vettura ohra. Il-Qorti mhix ser titlef wisq zmien fid-deliberazzjoni dwar dan il-fatt u mill-ewwel tiddeciedi illi dan ma jammontax ghall-dikjarazzjoni jew stqarrija falza u wisq anqas ghall-falsifikazzjoni ta' dokument kif ravvizat fl-ewwel u t-tieni akkuza.

Illi dwar is-seba akkuza minkejja illi l-prova tinkombi lill-imputata, l-prosekuzzjoni xorta ressqet xhieda biex turi illi l-imputata ma kellhiex licenzja tas-sewqan f'dik il-kategorija biex issuq mutur u ghalhekk per konsegwenza, mhix koperta bil-polza tal-assikurazzjoni skond il-ligi;

Ghal dawn il-mottiv, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tat-3, 4, 5, 6 u is-7 akkuza, ma ssibhiex hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza u tilliberaha minnhom;

Ikkunsidrat inoltre, illi l-prosekuzzjoni ressqet provi in sostenn tat-talba taghha biex l-imputata titqies recediva u li kisret il-kundizzjoni imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati u dan skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha l-imputata kienet kundannata ghal-perjodu ta’ prigunerija ta’ 18-il xahar sospizi ghall-tlett snin skond l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9;

Il-Qorti ghalhekk rat is-sentenza esebita a fol. 40 tal-process bid-data tad-9 ta’ Mejju 2005 li tirreferi ghat-talba tal-prosekuzzjoni kif fuq indikat. Ghalhekk it-talba tal-prosekuzzjoni ghandha tkun milqugha.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 288, 28 A, 28 B, 49 u 50 tal-Kap 9, 15 (1) (a) (2) u (3) , 24 tal-Kap 65, 3 tal-Kap 104. Kif ukoll wara li rat il-fedina penali tal-impuata, qed tirrendi effettiva s-sentenza tad- 9 ta’ Mejju 2005 u tordna l-esekuzzjoni tal-istess billi t-terminu ta’ prigunerija ta’ 18-xahar jibda jiddekorri mil-lum, oltre li tikkundannaha ghal-hlas ta’ multa ta’ Lm1500 fuq l-akkuzi 3, 4, 5,6 u 7, u tiskwalifika lill-imputata

milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------